L-EWWEL KTIEB
TAR-RABA' SENA

MARZU
1928

# IL-MALTI

## QARI

LI TOĦROĠ

*IL-GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI*

KULL TLIET XHUR

---

XFIH DAN IL-GĦADD

---

Il-Belt (Valletta) (T. Z.) — Kif insabet il-Kitba u l-Alfabet (P. Serafin M. Zarb O.P.) — Il-Għanja tal-Għid (Sajdun) — Nofs-inhar Sajfi (Rosario Briffa) — Niċeċ u Statwi (Ġużè Gatt) — Min kien Jusef (G. B.) — L-hinn min-natura hemm Alla! (Dun Karm) — Il-Flus tal-Ħares (T. Z.) — Alla! Alla! (Dr. C. Mifsud Bonnici) — Tqassir għall-kitba Maltija (Alf. Nicholas) — Mistoqsijiet u Tweġibiet (A. C.)

# IL-MALTI

## QARI

LI TOĦROĠ

*IL-GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI*

KULL TLIET XHUR

**IR-RABA' SENA** **1928**

MALTA
STAMPAT FL-"EMPIRE PRESS"

# IL-MALTI

QARI LI TOHROĠ *IL-GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI*

L-EWWEL KTIEB TA' L-1928

## IL-BELT (VALLETTA)

Dawk kollha li twieldu xi sittin sena ilu raw tibdil hekk kbir fil-Belt li bil-kemm il-lum jagħarfuha. Xi irkejjen żgur ma jingħarafux aktar, djar iġġarfu, siġar inqalgħu, bini għatta 'l ieħor u 'l hawn 'l hinn xejn ma baqa' minn dak li nbena fi żmien La Valette u Del Monte. Issa għax xi bini tmermer, issa għax innies trid il-wisa' u l-arja, issa għax il-qadim ma għadux moda, u l-kantini mudlama, u l-gallarija aħjar tkun mgħottija, u t-tieqa isbaħ jekk titwassa', issa għax jinħtieġ sular ieħor, u l-lum għal ħaġa u għada għal oħra, ħott, ibni, raqqa', u l-qadim jonqos dejjem.

Ma ngħidx li l-lum għandna ngħixu kif kienu igħixu ta' qbilna, għax id-dinja l-qoddiem għaddejja u kullħadd irid isib ruħu aħjar minn ta' qablu, iżda mita it-tibdil ma jsirx għax jinħtieġ, min iħobb il-Belt iħoss qalbu tingħafas mita jara bini xieraq, sabiħ u ta' reqqa kbira, jinħatt biex issir kerrejja jew biex jinfetħu ħwienet.

Nistħajjel min igħid : Mela aħna għandna nibqgħu l-ura ? Lê, immorru 'l qoddiem, iżda ħsara ta' l-imgħoddi minn l-anqas, ħalli l-barrani jitgħaxxaq b'dak li fadal mill-Belt tas-slaten. Li konna nħobbu l-Belt ftit iżjed milli jidher li nħobbuha, konna ngħożżu dak kollu li jista' jinżamm u li jkabbar il-ġieh tagħha.

Iż-żgħażagħ tagħna anqas għadhom jafu l-ismijiet ta' djar u ta' rkejjen tal-Belt li fi żmien'na kienu f'ħalq kullħadd.

La ġejna f'dan għax ma nniżżlux bil-kitba dawk l-ismijiet li għadna niftakru biex uliedna jibqgħu jafuhom u ma jintilfux għal kollox? Jien se'r insemmi xi uħud minnhom u hekk xi ħadd ieħor, egħref minni, iżid fuqhom u bil-ftit il-ftit jinġabar kull ma jixraq li ma jintilifx. Nersqu lejn Sant-Jiermu:

*Fuq l-ixprun* hija l-ħâra ta' fejn, quddiem strada Rjali, jispiċċa s-sur donnu xafra; sur bħal dak kien jissejjaħ *xprun*, għax qisu *xprun* ta' min jirkeb iż-żiemel.

Lejn il-port il-kbir *is-sur tal-ħaddidin* għax il-ħaddieda kienu jgħammru 'l-hinn, issa m'hux daqs qabel. Quddiem is-sur *il-ħabs tar-rsiera* u *l-iskola tal-ħabs* u il-ħâra ta' *taħt il-qampiena* għax fil-kantuniera kien hemm il-qampiena tal-ħabs. Iżjed l-isfel insejħulu *fuq il-ljuni* għal xi ljuni tal-ħaġar minsuba fl-irkejjen.

Ma' idek il-lemin tinżel l-isfel fejn l-*Arċipierku*. Qatt ma stajt naqta' għax taħt il-Furmarija jissejjaħ l-*Arċipierku*. Naħseb li din xi kelma li nqalbet. Xi ħatt qal dil-kelma ġejja minn *Arcipelago,* baħar bħal tal-Griegi li fih ħafna gżejjer. Ma tinżillix, naħseb li min sejħilha hekk l-ewwel darba ma kellux f'moħħu l-gżejjer tal-Griegi.

*It-Triq tal-Franċiżi* (Strada San Giuseppe) naħseb li ssemmiet hekk fi żmien il-Franċiżi ; naqbdu t-triq tal-Fran ; hemm fil-qabda misraħ ċkejken imsemmi *id-duwi balli.* Għala ? għax fi żmien il-Kavalieri kien hemm fil-kantuniera żewġ plieri u balla tal-ħaġar fuq kull wieħed. Bl-isqalli kienu jgħidulhom "dui palli" (*due palle*) u hekk baqgħet sal-lum *Duwi Balli*, u ftit il-fuq hemm il-ħâra tal-*Funtana.* Dan l-isem mnejn? għax hija u tinbena l-belt, jew aħjar huwa u jinqata' l-blat, 'il dik in-naħa nkixfet moġra ta' l-ilma, u sar għaġeb kbir u n-nies ferħet għax ilma ġieri qatt ma kien insab il-belt. Usaret għajn u ssemmiet il-*Gran Fontana.* Jaħasra ferħa bla temma, għax in-

nixxiegħa sfat fix-xejn u l-ftit ilma li baqa' jnixxi nġabar f'bir. Imma l-isem baqa' għad li l-*funtana* għabet. Naħseb li l-*għajn tal-Biċċerija* fil-qiegħ ta' Strada Cristoforo saret għal dik il-moġra ta' ilma, għax ħajta ilma baqa' inixxi u wara l-palazz ta' l-Isqof għad hemm ilma ġieri.

Għandna wkoll xi jfakkarna f'ilma ġieri f'dik ix-xaqliba għax ħdejn il-palazz ta' l-Isqof hemm trejqa imsejħa *Strada Soccorso. Soccorso* m'hix għajnuna? qal wieħed. Iva imma hawn il-għajnuna ma għandiex x'taqsam. Għandna ħafna ilma ġieri li jissejjaħ "*succursiu*" (*sub cursum*) bil-latin *għaddej minn taħt.* Ftakru fis-sukkursju tas-Salini. Mela Strada Soccorso ġiet f'ħalq in-nies għax minn dak l-isqaq kien, fi żmien inixxi ilma, jaqleb lejn il-biċċerija, U l-*Biċċerija* kienet hemm xi darba?

—Mela hemm kienu joqtlu l-bhejjem. Ma hemmx *Strada Toro?* It-tawru u l-biċċerija jmorru flimkien.

Hemm isfel kien hemm ukoll il-*gett tal-lhud* għax, fi żmien is-slaten, il-Lhud kienu jgħixu għalihom u ma jitħaltux ma' l-insara. Għad għandna l-mina tal-Fossa imsejħa *Jews Sally Port*, jew bil-malti *Bieb il-lhud.*

U fejn tispiċċa Strada Cristoforo lejn Marsamxett igħidulu *Fomm ir-riħ* u hekk hu għax hemm jonfoħ dejjem. Strada Cristoforo il fuq lejn il-Ġiżwiti kienet fiż-żmien tissejjaħ *it-triq tas-siġġijiet*, għax hemm kienu aktarx jinħadmu s-siġġijiet u x-xogħol kien isir barra, fit-triq l-iżjed. Milux, il-ħaddiema tal-belt ma kellhomx sabar jaħdmu ġewwa u kienu joħorġu fuq il-bankina u lejn nofs it-triq ukoll.

Darb'oħra nissuktaw fuq ismijiet ta' toroq oħra li ftit-ftit qegħdin jintilfu.

T. Z.

# KIF INSABET IL-KITBA U L-ALFABET

(*Jorbot mal-faċċ. 117 ta' l-1927*)

MIN SAB L-ALFABET. Il-Kittieba taż-żminijiet il-qodma, il-koll b'kelma waħda jgħidulna li l-alfabet—il-għaġeb taż-żminijiet kollha—ġie misjub mill-Feniċi.

Lucanu, poëta latin (39-65 W.K.) hekk ħalla miktub: (1).

"Il-Feniċi kienu, kif jingħad, l-ewwel nies li b'taħżiż "imħarbex (2) kitbu għal dejjem il-kliem. Memfis (3) "kienet għadha ma tafx tgħaqqad il-weraq tax-xmajjar (4) "[f'kotba]; u biss fil-ġebel kienu jiġu mħaffra animali, hekk "għasafar u hekk bhejjem, li bihom kienu jiktbu l-ilsna "saħħara (5)."

Plinju (ix-Xiħ), kittieb Latin (23-79 W.K.) ħalla miktub: "Il-Feniċi għandhom ġieh kbir għaliex sabu l-ittri [ta' l-alfabet]" (6). Iżda Plinju kiteb ukoll li l-ittri huma assiri (7).

S. Klement ta' Lixandra ħalla miktub: "Il-Feniċi u is-Siri huma l-ewwel li sabu l-ittri" (8).

Pomponju Mela, ġeografu latin (42? W.K.) igħidilna: "Il-Feniċja (9) ġiet imsemmija imħabba fil-Feniċi, għaqda ta' nies biżlin, li hekk għad-dmirijiet tal-gwerrer, kif għal dawk tal-paċi kienu minn l-aħjar; *huma sabu l-ittri* u kif jaħdmuhom, u hekk ukoll is-snajja' l-oħra, il-ġiri fuq il-baħar bix-xwieni, il-ġlied bil-flotta, u rażżnu lill-ġnus l-oħra bis-saltna jew bid-taqbid" (10).

(1) Pharsal. III, 220-224.

(2) *Taħżiż imħarbex*, jekk wieħed iżomm quddiem għajnejh li Lucanu għex mijiet ta' snin wara li nsab l-alfabet u li kien latin, ma għandux jistagħġeb il-għaliex l-alfabet feniċju ġie msejjaħ "*rudes letterae*". Il-lum ukoll mita aħna naraw kitba semija ma nsejħulhiex bi kliem isbaħ minn dak ta' Lukanu!

(3) *Memphis* hija waħda minn l-eqdem bliet ta' l-Eġittu. Hija tinsab xi 33 kilometru l-isfel mill-Kajr, u kienet fiż-żmien tifred l-Eġittu ta' fuq, minn l-Eġittu tisfel. Hija ġiet mibnija minn-Menes l-ewwel sultan li taf il ġrajja ta' l-Eġittu.

(4) Ara dak li għedna fuq, fuq il-Papiri.

(5) Ara li għedna fuq mill-kitba eġizzjana u għaliex Lukanu sejħilha saħħarija "*lingua magica*".

(6) "*Ipsa gens Phoenicum in magna gloria litterarum inventionis*", Hist. Nat., V, 12, 13.

(7) "Litteras semper arbitror Assyras fuisse".

(8) Stromat., I, 16, 75.

(9) Ara "Il-Malti" 1926, p. 43, n. 10.

(10) *De situ Orbis*, I, 12.

Djodoru l-Isqalli, storiku grieg, li għax fiż-żminijiet ta' l-Imperatur Awgustu, u Tacitu, storiku latin (50-130? W.K.) ma qablux ma' l-oħrajn fuq dil-ħaġa.

Djodoru hekk ħalla miktub: "Missier ix-xbejbiet, li jissejħu Musa [Zeus ta' Kreta] tahom is-sawba' ta' l-ittri u il-għamla tat-taqbil imsejħa għanja [poeżija]. U għal dawk li jgħidu li s-Siri sabu l-ittri u li l-Feniċi wassluhom għand il-Griegi, wara li tgħallmuhom mis-Siri—jiġifieri sħabKadmu li waslu l-Ewropa, u li għalhekk isem l-ittri huwa feniċju għand il-Griegi wkoll—inwiġbu li l-Feniċi ma sabuhomx għal kollox, imma li biddlu biss ftit il-għamla ta' l-ittri" (1).

Taċitu, inbagħad, igħidilna: "L-Eġizzjani kienu l-ewwel li fissru l-ħsibijiet ta' moħħom bi xbihiet ta' l-animali (dawn [ix-xbihiet] għadhom jidhru b'tifkira lill-bnedmin, imħaffra fil-ġebel fil-monumenti qodma) u huma wkoll [l-Eġizzjani] kienu, li, kif jingħad, sabu l-ittri. Inbagħad il-Feniċi, li kienu aqwa minnhom fil-baħar, daħħluhom fil-Greċja u ħadu il-ġieh bħallikieku huma kienu li sabu dak, li kienu tgħallmu minn ħaddieħor" (2). Minn dan naraw li Taċitu kien jaf li kullħadd kien iżomm li l-Feniċi kienu sabu l-ittri u tqarraq, kif naraw il quddiem mita ried ineżża' lill-Feniċi minn dan il-ġieh u bih ilibbes lil l-Eġizzjani.

U tabilħaqq kif kienu l-ħwejjeġ f'dak iż-żmien ħadd minn dawk in-nies li kellhom kitba ideografika u sillabika ma setgħu jaslu biex isibu l-alfabet. L-ewwelnett, kif sewwa ħafna qal Lenormant (3), imħabba f'dinhom. Aħna rajna li l-Eġizzjani kienu jżommu l-kitba bħala ħaġa qaddisa kif l-isem ta' Hieroglifós ifisser. Hekk ukoll l-Indjani kienu isejħu l-kitba tagħhom "*devanagari*", li kif kienu jgħidu ħaduha minn Brahma, alla tagħhom. Il-Babiloniżi kienu iżommu l-*musmar*, li kif għedna kien il-għodda u l-għamla tal-kitba tagħhom, bħala simblu ta' Nisrok, li kien id-dehen t'alla. Mhux inqas il-Germaniżi u l-Iskandinavi kienu jżommu l-kitba tagħhom bħal ħaġa qaddisa li kellha setgħa saħħarija, u kienu jemmnu li lilhom ġiet mogħtija bħala rigal minn Odin. Ħadd għalhekk minn dawn in-nies li kienu għaddew ħafna 'l quddiem fil-għerf u fis-snajja', ma sata' jaqleb ta' fuq taħt il-kitba mqaddsa ta' artu u jdaħħal fl'imkien magħha kitba oħra. Għaldaqshekk kien meħtieġ li xi nies li ma kellhomx x'jaqsmu mad-din ta' dawn in-nies jitgħallmu sewwa din il-kitba u jagħżlu minnha dak li kien

(1) Djodoru l-Isqalli, V, 74.
(2) Annal., XI, 14.
(3) *Dict. d'Antiquités....* I, p. 191

meħtieġ għal alfabett, u l-bqija jħalluh għal dejjem. Għaqda ta' nies li setgħet tagħmel dan kienu l-Feniċi. Huma kienu xterdu ma' l-Eġittu minn żmenijiet l-aktar qodma taħt l-isem ta' Hyksos (1) u mita minn hemm ġew imkeċċijin baqgħu dejjem marbuta ma' l-Eġittu fejn kienu jmorru jbigħu ħwejjeġ li kienu jaħdmu huma.

Barra minn dan, il-Feniċi kienu nies mgħotijin għax-xiri u għall-bejgħ: u kienu għalhekk jiġġerrew ma' kullimkien bix-xgħolijiet tagħhom: ħadd għalhekk iktar minnhom ma kien meħtieġ kitba soda u ħafifa sabiex iżomm bil-miktub il-ħwejjeġ tax-xiri u tal-bejgħ tiegħu. U kienet dil-meħtieġa li ġagħlet lill-Feniċi jsibu l-alfabet (Renan, Lenormant, Lagrange).

## MINN LIEMA KITBA SILLABIKA ĠIE MNISSEL L-ALFABET.

Il-għorrief mhux kollha jaqblu fuq din il-ħaġa. Iżda qabel xejn huwa xieraq li nkunu nafu xi ħaġa fuq dak li kien l-alfabet fil-bidu tiegħu.

L-ewwelnett l-alfabet ġie misjub għal ilsien *semi*,la semin kienu dawk li sabuh. L-ebda lsien semi ma jiġi miktub bil-vokali iżda bil-konsonanti biss. Għalhekk l-alfabet għal l-ewwel ma kellux taħżiż għall-vokali (2).

It-tieni, kif għedna fuq, il-konsonanti ma nsabux il-koll f'daqqa waħda. Hu aktarx hekk, li dawk il-konsonanti li għandhom il-leħen qrib ħarġu minn xulxin, ngħidu aħna *h* u *ħ*. Dana jidher sewwa jekk wieħed iqabbel l-alfabet feniċju ma' l-alfabet għarbi li huwa wisq iżjed għani, iżda t-taħżiż kollu ħiereġ wieħed minn l-ieħor. Xi wħud iżommu li 22 konsonanti kienu misjuba mill-Feniċi, u minnhom 15 ġew meħudin mill-kitba eġizzjana u s-7 l-oħra aktarx ukoll, imma ġew ftit u xejn maħżuża għamla oħra (3).

It-tielet li t-taħżiż ta' l-alfabet ġej minn kitba piktografika, jew għal l-anqas sillabika, li saret alfabetika bl-*akrofoniżmu* (4). Għalhekk it-taħżiż huwa xbieha ta' dak li l-isem tat-taħżiż ifisser, għal l-anqas f'dawk l-ittri li ma humiex

(1) Ara "Il-Malti" 1926 p. 122-123.

(2) Il-lum ukoll is-semin għadhom jiktbu minngħajr vokali. L-*a*, *i*. *u* (â, j, w,), li jinsabu fl-Alfabet ma humiex vokali imma konsonanti.

(3) Lenormant, *Dict. d'Antiquités...* I, 194. Ara De Rougé, *Mémoire sur l'origine egyptienne de l'alphabet phenicieu,* Paris, 1874.

(4) *Akrofoniżmu,* kelma griega ġejja minn *akra*=tarf u *fônê*=leħen, jiġifieri li mill-kelma tinqara biss l-ewwel ittra tat-tarf; hekk *alif* tinqara A[lif], *beta* tinqara *b*[eta] etc...

ġejjin minn oħrajn u fil-għamla li għandhom fil-kitba feniċja. Ismijiet it-taħżiż huma kollha feniċi(1), u għaddew hekk għand il-griegi, ħaġa li turi sewwa li tassew il-Feniċi kienu dawk li sabu l-ittri u tawhom l-isem u li l-oħrajn kollha ħaduhom minnhom.

Jekk aħna nżommu quddiem għajnejna dawn il-ħwejjeġ inkunu nistgħu naraw malajr mil-liema kitba ideografika jew sillabika ħareġ l-alfabet feniċju.

Il-lum fost il-għorrief insibu erba' fehmiet fuq dil-ħaġa. Min jaħseb li l-alfabet feniċju huwa ħiereġ mill-kitba ta' Kreta, min mill-Kuneiformi, min mill-ġeróglifi u min mill-kitba ta' Ċipru. Naraw fil-qasir min aktarx jaħseb l-aħjar.

L-ewwelnett xi wħud bħal Evans, Reinach, Dussaud u oħrajn jaħsbu li l-Feniċi ħadu l-Alfabet tagħhom mill-kitba ta' Kreta. Dan fiż-żminijiet il-qodma kien qalu Diodoru l-Isqalli kif rajna iżjed il fuq. Tabilħaqq jekk inqabblu ma' xulxin taħżiż il-kitba ta' Kreta ma' l-alfabet tal-feniċi naraw li x-xebh bejn dawn iż-żewġ kitbiet huwa kbir.

Iżda b'dan kollu ma nistgħux ingħidu li l-Feniċi ħadu l-alfabet tagħhom mill-kitba ta' Kreta; il-għaliex għad li Evans igħid li l-Kitba ta'Kreta hija sillabika, iżda din il-Kitba għad ma hix magħrufa sewwa, għalhekk la ma nafuhiex sewwa ma nistgħux inqabbluha sewwa u naraw jekk l-alfabet tagħna hux ġej minnha (2).

Oħrajn bħal Ducke (3) Hommel (4) Deletzdsh (5) igħidu li l-alfabet ġie mill-Kuneiformi. Dan kien qalu qabilhom Pliniu kif għedna fuq. Iżda jekk wieħed iħares lejn l-ittri ta' l-alfabet u lejn il-kitba tal-keneiformi jara li l-ebda xebha ma għandu ħoss wieħed (6). Iżda jekk dawn iwiġbuna li għandna nqabblu l-alfabet mal-kitba qadima, kif kienet għal l-ewwel; aħna nwieġbu wkoll li l-Feniċi ħadu l-alfabet mill-kitba tal-kuneiformi, kif kienet meta nsab l-alfabet u mhux kif kienet fil-bidu. U billi kif dalwaqt naraw l-alfabet aktarx ma hux eqdem minn 1,800 sena qabel Kristu, li kieku l-Feniċi ħarġu l-alfabet mill-kitba tal-kuneiformi kienu joħorġuh mhux mill-kitba qadima, imma mill-kuneiformi ta' dak iż-

(1) Ara Lidzbarski, *Die Namen der Alphabetbuchstaben;* fl-*Ephemeris für semitiche Epigraphik;* II, p. 125-139.

(2) Ara il P. Lagrange, loc. cit., p. 288-289.

(3) "*Dcr Ursprung des altsemitischer Alphabets aus der neu-assyrischen Keilschrift*" *fiż-Zeitsch, der Deut. Morgen. Gesellsch.*, 1877 pp. 102-154.

(4) *Geschichte Babylomens und Assyriens*, p. 50-53, ara wkoll: *Grundriss.*

(5) *Die Entstehung des ältesten schriftsystems oder der Ursprung dem Keilschriftzeichen dargelegt,* Leipzig, 1897, p. 221-231.

(6) Lagrange, loc. cit., p. 290 n. l.

żmien, li ma għandhom xejn x'jaqsmu mat-taħżiż ta' l-alfabet feniċju.

Ħafna jaħsbu li l-alfabet ġej mill-ġeroglifiċi eġizzjani. Hekk MASPERO (1) u deherlu li wera DE ROUGÉ (2) li ġibet ħafna għal dil-fehma tiegħu bħal LENORMANT (3) REINACH (4) BERGER u oħrajn. Iżda x-xebh bejn il-ġeroglifiċi u l-alfabet ma jaqbilx biż-żejjed, l-anqas jekk wieħed idur għall-kitba *hieratika* (5).

Dan l-aħħar FRANZ PRAETORIUS (6) deherlu li l-alfabet feniċju ġej mill-kitba ta' Ċipru. Iżda l-biċċa donna iżjed imħawda hawn milli fil-fehmiet ta' qabel u PRAETORIUS igħidilna li xi 10 ittri biss jaqblu u mhux kollha.

Minn dan wieħed jista' jara li l-alfabet aktarx ma ħareġ minn l-ebda kitba li kienet misjuba qabel! Iżda minn sabu kellu biċċa xogħol wisq iżjed iebsa milli jagħżel 22 ittri minn mijiet ta' taħżiż li kienu nsabu qabel. B'dan ma rridux ingħidu li min sab l-alfabet qala' minn rasu kollox mill-ġdid. Lê. Min sab l-alfabet, li kif rajna fuq kien wieħed Feniċju, kien jaf il-kitba eġizzjana u aktarx kien fittex li jikteb bit-taħżiż eġizzjan l-ilsien tiegħu. Huwa għalhekk wara ħafna taħbit wasal sabiex isib it-taħżiż li kien jiħtieġ, biċċa seta' joħodhom mill-kitba eġizzjana u biċċa jagħmilhom hu. Li wieħed Feniċ kien jaf il-kitba eġizzjana hija ħaġa żgħira billi il-feniċi kienu ġejjin u sejrin l-Eġittu għall-bejgħ tagħhom u l-Eġizzjani kienu ta' sikwit igħaddu mill-art ta' Kanagħan (7).

## MITA NSAB L-ALFABET.

Kif nistgħu nkunu nafu mita nsab l-alfabet? It-tweġiba hija ħafifa: billi naraw ta' liema żmien hija l-ewwel kitba li għandna bl-alfabet! Iżda nisgħu aħna ngħidu li din l-ewwel kitba għadha tinsab? B'għafsa ta' qalb nistgħu tassew ingħidu li lê. Min kiteb l-ewwel, fejn kiteb, u x'kiteb ma nafux. Jekk aħna għandna kitba bl-alfabet ta' elf sena qabel Kristu nistgħu ngħidu li elf sena qabel Kristu l-alfabet kien magħruf, imma ma nistgħux ingħidu li ma kienx magħruf minn qabel! Għalhekk tqarqu bil-bosta dawk il-għorrief ta' ftit

(1) *Histoire....* II, 573 n.
(2) Loc. cit.
(3) *Dict. d'Antiquités....* loc. cit.
(4) *Traité d'épigraphie grecque*, p. 180.
(5) LAGRANGE, loc. cit., p. 290.
(6) *Über den Ursprung des Kanaanäischen Alphabets*, (lito-grafia) Berlin, 1906.
(7) LAGRANGE, loc. cit., pp. 292-293.

snin îlu, li għax ma kenux jafu ħlief b'kitba ta' l-alfabet ta' 500 jew 600 sena qabel Kristu, qalu li la Mosê ma hu l-kittieb ta' dawk l-ewwel ħames kotba Mqaddsa, u l-anqas OMERU ma kiteb l-*Iliade* u l-*Odissea*. Ta' liema żmien hija l-kitba bl-alfabet l-aktar qadima li għandna l-lum? Hija dik ta' Biblos (1), li nsabet f'Diċembru ta' l-1923 (2). Din il-kitba ġiet imħaffra fuq tebut tal-ġebel u tgħidilna li dan it-tebut ġie magħmul minn Itobagħal, bin Aħiram, sultan ta' Ġebajl, li jisħet lil min isib dan it-tebut u lil min iħassar din il-kitba. Il-qabar ta' Aħiram huwa taż-żmien ta' Ramses II, Fargħwni ta' l-Eġittu u kull ma nsab fih kollox jaqbel sabiex ingħidu li ġie magħmul għall-ħabta ta' l-1200—1225 qabel Kristu (3).

Qabel l-1923 il-kitba bl-alfabet l-aktar qadima li biha konna nafu kienet dik ta' Mesa, sultan ta' Moab, 'l hemm mill-Ġordan, li saltan fiż-żmenijiet ta' Aħab u Ġoram Slaten tal-Lhud tan-naħa ta' fuq, u Ġosafat sultan tal-Lhud tan-naħa t'isfel, ħabta tas-sena 900 qabel Kristu. Din il-kitba ġiet misjuba minn Klein, f'Dibon, belt fit-Transġordanja fis-sena 1868.

Jekk aħna nqabblu l-għamla tat-taħżiż li nsibu f'dawn iż-żewġ kitbiet aħna naraw li huma bil-kemm jingħażlu minn xulxin u li huma mifrudin minn xulxin ma' tul 400 sena. Għalhekk jekk f'400 sena l-għamla tal-kitba tiebet ftit u ftit tassew, u fl-1225 il-kitba ta' Aħiram hija tajba ħafna, mita insab l-alfabet, li għal l-ewwel, kif kullħadd jista' jaħseb kellu jkun wisq agħar mill-kitba ta' Aħiram? P. Vincent itellgħu sa 1800 qabel Kristu (4).

Min dan naraw li Mosè li għex fl-1500 jew fl-1300 qabel Kristu seta' jikteb bl-alfabet, kif ukoll Omeru li għex 1000 qabel Kristu seta' jikteb l-Iliade u l-Odissea.

Din hija l-ġrajja tal-Kitba, l-akbar ġieħ tal-Feniċi, li mhux ta' xejn jiġu mqegħdin ħdejn l-Ingliżi ta' żminijietna. Il-Feniċi fl-imkien max-xgħolijiet sbieħ tagħhom, xerrdu mad-dinja din is-sawba ta' l-alfabet li hija l-isbaħ ħolqien ta' moħħ il-bniedem.

Ruma, 2 ta' Lulju 1927.

**P. Serafin M. Zarb O. P.**

(1) Ara il "Malti" 1926, p. 43, n. 9.

(2) Ara P. UGO VINCENT O.P., *Les fouilles de Byblos* fir-*Revue Biblique*, 1925 pp. 183 ss.

(3) P. VINCENT, loc. cit., p. 191.

(4) Ibid., p. 192.

# IL-GĦANJA TAL-GĦID

Wara żmien twil li kien ilhom il-lhud jibku u jitniehdu f'art il-Masrin taħt il-jasar qalil tal-Fargħuni, kien wasal il-waqt li l-Mulej bil-ħniena tiegħu jeħlishom minn dik il-ħakma, joħroġhom minn dik l-art barranija u jatihom art Kangħan, bħalma kien wiegħed lill-patrijarki. Fargħun imkabbar bil-qawwa tiegħu ma riedx iħallihom jitilqu, iżda sa fl-aħħar kellu jirżan taħt il-qawwa tad-driegħ t'Alla. Telqu l-lhud kollha ferħanin; iżda minnufih reġgħet kibset il-qalb ġiefja ta' Fargħun; ġama' l-aħjar nies li kellu u għamel għal warajhom biex jarġa' ijassarhom. Laħaqhom ħdejn il-Baħar l-Aħmar; iżda Mosê, megħjun minn Alla, refa' idu lejn is-sema, meddha fuq l-ilma u b'għaġeb kbir il-baħar jinferaq fi tnejn bi triq niexfa fin-nofs. Jaqsmu l-lhud il-Baħar l-Aħmar bla ma jbillu kiegħ riġlejhom, u jaslu bis-sliema x-xatt l-ieħor. In-nies ta' Fargħun, huma wkoll, jidħlu f'dik it-triq f'nofs il-baħar, imma f'daqqa waħda l-ilma jarġa' għal fejn kien u jġarrafhom u jgħarraqhom il-koll. Malli raw il-lhud li huma meħlusin minn l-egħdewwa tagħhom, iddew il-ħajr lil Alla li jista' kollox b'din il-għanja li mhix ħaġa oħra ħlief tisbiħ u tifħir tal-qawwa ta' Alla li tirgen u trażżan kull setgħa maħluqa, u teħles minn kull tiġrif 'il min jitma fih.

Ngħanni[1] lill-Mulej, għax tkabbar bil-qawwa[2];
żiemel u rikkieb Hu ġarraf fil-baħar.
Qawwa tiegħi u għana tiegħi hu l-Mulej, li sarli ħelsien;
Hu Alla tiegħi, u jiena nsebbħu,
Hu Alla ta' missieri, u jien ngħollih.

Il-Mulej ħarrieb qawwi[3], Jahwe ismu[4].
Mriekeb Fargħun u ħiltu Hu tafa' fil-baħar;
l-aħjar ħarrieba tiegħu għarqu fil-Baħar l-Aħmar.
Għattewhom l-imwieġ; niżlu fil-qiegħ bħal ħaġra.

1. Din il-għanja mfissra mil-lhudi, kif tinqara fl-Eżodu jew Ktieb il-Ħruġ kâp 15 v. 1-18, u meħuda mit-traduzzjoni maltija tal-Kotba Mqaddsa li q'ed nagħmel. Minħabba s-sensja tal-Knisja li għad jonqosni, ma nista' nibda noħroġ l-ebda ktieb minn dawk li ilhom ħafna lesti.

2. *Tkabbar bil-qawwa*, wera l-kobor tal-qawwa tiegħu.

3. Il-Mulej bil-qawwa tiegħu kien qisu qiegħed jitqâbad ma'l-egħdewwa u jirbaħhom.

4. *Jahwe* isem lhudi mogħti lil Alla waħdu. Ġej mill-verb *hawa = kien*, mela *jahwe = ikun, hu*. Mogħti lil Alla, ifisser: dak li *hu* minnu n-nifsu,

Leminek, ja Mulej Int kbir fil-qawwa,
leminek, ja Mulej, tirgen il-għadu.
U bil-kotra tal-kobor tiegħek iġġarraf 'il min jeħodha
terħi qilltek, tiblagħhom hi bħal tibna. [miegħek;
U b'nefħet mnifsejk[5] tgħarrmu l-ilmijiet,
qamu bħal gods l-imġâr,
għaqdu l-imwieġ f'nofs il-baħar.

Qal il-għadu[6]: "Niġri għal wara, nilħaq;
il-ħatfa naqsam, tixba' xewqti;
nislet sejfi, ittemmhom idi."
Infaħt b'nifsek[7]; għattiehom il-baħar;
għarqu bħal rsas fil-ħalel ta' l-ilma.

Min hu bħalek fost il-qawwijin, Mulej?
Min hu bħalek. Int kbir fil-qodos;
Int ta' biża' fit-tifħir[8], Int li tagħmel egħġbijiet?
Meddejt idek; belgħethom l-art.
Mexxejt bi ħnientek dawn in-nies li fdejt;
tmexxihom b'ħiltek lejn l-għamara mqaddsa tiegħek[9].

Malli jisimgħu l-ġnus jitkexkxu[10];
uġigħ jaqbad il-Filistin.
Dik is-siegħa jindehxu r-rwajjes ta' Edom,
il-kbarat ta' Mowab taqbadhom ir-rogħda;
jitwerwru l-għammarin kollha ta' Kangħan.
Jaqa' fuqhom biża' u rogħda;
b'qawwet driegħek jitbikkmu bħal ħaġra;
Sakemm igħaddu niesek, Mulej,
sa jgħaddu dawn niesek li ksibt.

Twassalhom u tqegħidhom f'ġebel wirtek[11];
fl-imkien li b'għamartek għamilt, ja Mulej,
fil-maqdes, Mulejja, li hejjew idejk.

Isaltan il-Mulej għal dejjem ta' dejjem.

5. Ir-riħ li feraq il-baħar qisu nefħa li ħarġet minn imnifsejn Alla.

6. *Il-għadu*, il-masrin riedu jagħmlu għal wara l-lhud.

7. Nefħa oħra t'Alla traġġa' l-baħar għal fejn kien.

8. Inti tagħmel għamil ta' biża' u ta' tifħir.

9. *Għamara*, art Kangħan li l-Mulej għażel biex igħammar fiha mal-lhud.

10. Malli l-ġnus l-oħra jisimgħu bl-egħġbijiet ta' biża' li għamel il-Mulej mal-lhud, jitkexkxu bil-biża', ma jkollhomx ħila jeqfulhom, iżda jħalluhom igħaddu.

11. *Ġebel wirtek*, l-art ġeblija ta' Kangħan, qisha l-wirt tal-Mulej għax lilha Hu għażel biex igħammar fiha mal-lhud.

Din il-għanja ta' ferħ, li ħarġet minn fomm u minn qalb il-lhud wara li ħelsu mill-jasar ta'l-Eġittu, nistgħu ngħidulha l-Għanja tal-Għid. Għax il-fidwa tal-lhud mill-jasar tal-Fargħuni kienet xbieha tal-fidwa tagħna mill-jasar tax-xitan. Ġesù Kristu fdiena bil-mewt tiegħu fuq is-salib, waqt li l-lhud kienu jidbħu l-ħaruf tal-għid b'tifkira tal-ħarġa minn l-Eġittu. U f'jum il-Għid tfakkarna l-Knisja fil-fidwa tagħna bil-mewt ta' Ġesù Kristu u bil-qawma tiegħu minn l-imwiet.

**Sajdun.**

# NOFS-INHAR SAJFI

Barra bis-sħana qiegħda mgħaxxa l-ħajja
taħt xemx li tikwi—l-eħrex xemx sajfija—
u kollox ħiemed, bħallikieku l-ġrajja
waqfu tal-jum, imbikkma minn did-dija.

Fuq għolja bżar żunżan bil-qtajja' qtajja'
irewwaħ ġewnħu; joħroġ mill-ħamrija
ħanfus sewdieni bl-ikbar skiet jissajja
ħa' jsib il-qmuħ imxerrda fil-mgħodija.

Ħiemed, il-mewġ igħonos ġewwa l-qala';
il-b'għod il-b'għod jitriegħed qlugħ bajdani
bil-mod il-mod u donnu le jaf l-għala;

Hekk bla taf l-għala tħoss il-qalb tixxabba'
minn kull m'hu dwarha, tibki lill-warrani
u, mdejqa, tnîn bix-xewqa ta' l-imħabba.

**Rosario Briffa**

# NIĊEĊ U STATWI

II.

*Is-Salib imsejjaħ* "ta' Dejma" *li qiegħed f'nofs dawk l-erba' toroq li waħda minnhom minn Ħal Tarxien tâti għaż-Żejtun.*

Il-magħruf kursar Dragutt, fis-sena 1542, li ħabtet fl-istess żmien li l-Papa Pawlu III għarraf biex isir il-Konċilju ta' Trentu, niżel f'Malta u, bin-nies tiegħu, laħaq wasal sa Ħal Tarxien, sewwa sew sa fejn jinsab imqiegħed is-Salib imsejjaħ *ta' Dejma.* Fuq hekk, minn dak iż-żmien bdew iħallu, fejn hu qiegħed is-Salib, ftit suldati għassa taħt Alfier, biex dawn ikunu jistgħu jħabbru malajr lill-poplu kemm-il-darba it-Torok jerġgħu għal Għiritna minn dawk l-inħawi—ħaġa li baqgħet issir sa kemm imbnew l-erbatâx-il torri ta' ma' dwar il-plajja ta' Malta. Dawn it-Torrijiet kienu ġew mibnija bi flus il-Gran Mastru De Redin (1657-1660).

Is-Salib *ta' Dejma*, ma jafux min kien dak li għamlu, biss jafu li sar fiż-żmien li Kappillan ta' Ħal Tarxien kien Dun Mas Cirillo Formosa, miż-Zejtun (1752-1767).

Fl-1752, Mons. Fra Pawl Alferan De Bussan, Arċisqof ta' Damjata u Isqof ta' Malta, ta erbgħin jum indulġenza għal min igħid *Pater Noster* quddiem l-imsemmi Salib.

Is-Salib *ta' Dejma*, li l-lum qiegħed fejn semmejna taħt id-dell ta' siġra kbira, fl-1843 kien jieħu ħsieb jixgħellu, ta' kull nhar ta' Ġimgħa Wenzu Abela, bin Ġanni, minn Ħal Għaxaq; u l-lum qiegħed jieħu ħsiebu Toni Said dak il-ġennien li hemm mas-Sorijiet ta' San Vinċenz de Paoli ta' Ħal Tarxien. Dan (Said), barra milli jixgħellu ta' kull jum, fil-festa tas-Salib iżejnu wkoll bid-damask u b'għadd sabiħ ta' dwal.

*In-Niċċa tal-B. V. Marija* tad-Dawl *li qiegħda fit-triq li mill-Gudja tâti għaż-Żurrieq.*

Fiż-żmien li Kappillan tal-Gudja kien Dun Ġann Pawl Balzan, minn l-istess Raħal, ġiet magħmulha Niċċa lill-B. V. Marija *tad-Dawl.* Dina saret fl-1763 minn Dun Amadew Zammit, u ġiet imqiegħda f'minkeb ta' bini li jiġi qrib il-Knisja msejħa il-"*Madonna ta' Luretu.*"

Mons. Fra Bartilmew Rull, Isqof ta' Malta, fit-8 ta' Ottubru 1763, ta erbgħin jum indulġenza għal kull min igħid *Ave Maria* quddiem ix-xbieha tal-Madonna.

Dina n-Niċċa dejjem jieħu ħsiebha dak li jkun Prokuratur tal-Knisja ta' Luretu.

Fiċ-Ċimiterju ta' l-imsemmija Knisja, jidher hemm Salib tal-ġebel ukoll, u dan ilu li sar sa minn l-1678.

*Iż-żewġ Statwi ta' l-Appostli San Pietru u San Pawl, li hemm quddiem il-Knisja Parrokkjali ta' Ħaż-Żabbar.*

Fl-1731, l-Isqof ta' Malta, Fra Pawl Alferan De Bussan, għażel b'Kappillan ta' Ħaż-Żabbar lil Dun Indrì Buhagiar, minn Ħal Qormi. Dun Indrì malajr beda jżejjen iż-żagħżugħa Knisja li tagħha ġie maħtur Kappillan. Bi flusu għamel bosta ħwejjeġ li huma magħrufa fiha, u għalhekk ħaqqu bosta tifħir għal li għamel, l-aktar għall-faċċata tal-knisja—faċċata li hi mfaħħra ħafna għal l-arkitettura, Din kienet mitmuma fl-1738.

Il-Baruni Pietru Pawl Galea, billi dan kien mixtieq ħafna li jittex jara mitmuma l-faċċata minn kollox u billi kien jaf ukoll li Dun Indrì nefaq ġidu kollu fil-Knisja Parrokkjali tar-Raħal, għamel l-Istatwi ta' San Pietru u ta' San Pawl minn butu, biex bihom tissokta tiżżejjen il-faċċata u b'hekk iqim lill-Madonna tal-Grazzji billi dan (il-Baruni) kien devot Tagħha ħafna.

Fil-pedistalli ta' l-imsemmija Statwi jidher li kien hemm xi Armi. Dawn ilhom imħassra sa mill-1798.

*In-Niċċa ta' Sidna Ġesù Kristu mgħobbi bis-Salib, li hemm quddiem iċ-Ċimiterju ta' l-Infetti ta' Ħaż-Żabbar.*

Iċ-Ċimiterju ta' l-Infetti ta' Ħaż-Żabbar ġie magħmul fil-pesta qalila li żaret lil gżiritna fl-1675-76, u fl-1817, jiġifieri tliet snin wara li spiċċat il-kiefra pesta l-oħra ta' l-1813-14, wieħed jismu Ġanni Saliba, minn Ħaż-Żabbar, ħeġġeġ u għen biex saret Niċċa lill-Ġesù mgħobbi, f'post li ġie mogħti b'xejn mis-sur Viċenz Fernandez.

Din in-Niċċa, barra milli hi mżejna b'xi kitba miġjuba mis-Sakra Skrittura, q'ed isebbħuha wkoll żewġ Statwi ta' San Pietru u San Pawl. Dawn qegħdin waħda f'kull ġenb tagħha.

L-imsemmija Niċċa dejjem jieħu ħsiebha dak li jkun Prokuratur tal-Kaxxa ta' l-Erwieħ, li din tinsab fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħaż-Żabbar. U billi din in-Niċċa hi miqjuma ħafna miż-Żabbarin, jixgħelulha kulljum.

**Ġużè Gatt.**

TISWIJA. Fil-faċċata 124 ta' l-1927 fejn hemm *il-misraħ tal-Bidwi* trid tiġi TAL-BIDNI.

# MIN KIEN JUSEF

F'waħda mid-djar tax-xjuħ li jieħdu ħsiebha s-sorijiet Franċiżi, f'Ġerusalemm, kien jinsab, ftit snin ilu, wieħed xiħ għakka li xejn ma kien jixbah lil sħabu fi mġiebtu: waqt li x-xjuħ l-oħra jreddnu n-nhar kollu, huwa kien dejjem sieket, għajr isellem lil min isellimlu. B'ħatar f'idu, igħin ruħu bih, jerħilha minn fil-għodu għan-naħa tal-ġnien, fejn daqqa kien jimxi 'l hawn u 'l hemm, u daqqa joqgħod bil-qiegħda jżiegħel bil-weraq ta' xi xtejla. Meta jiħtieġlu jitkellem, dejjem jaqta' fil-qasir, u jekk xi ħadd isellimlu, naqra ta' tbissima kienet tikser in-niket li dejjem jidher fuq wiċċu. Is-sorijiet kienu jġibuh m'hux ħażin, u mħabba l-ġibda li kellu għal-ġnien kienu laqqmuh: "Ħâres ix-xitel".

Waħda soru żagħżugħa—għarbija, minn Bejrut, imma għaddiet kemm-il-sena fi Franza— kienet tidher tieħu ħsieb dan ix-xiħ aktar minn l-oħrajn: kull fil-għodu, araha titkixxef fejn hu, tara x'taqla' biex ikollha għax tgħaddi minn ħdejh, u ssellimlu bil-għarbi: "Nharek sagħid, Jusef!" — "Nharek imbarak!" kien iwieġeb ix-xiħ, u jibqa' jċekċek għal xogħlu.

Darba waħda fi dħul is-sajf, is-sorijiet ħarġu sa minn fil-għodu, iduru ftit, jieħdu x'erbât infies safja għall-ġid ta' saħħithom. Tlieta baqgħu d-dar jieħdu ħsieb ix-xjuħ, fosthom is-soru ż-żagħżugħa li semmejna. Kif kienu ilhom li telqu xi nofs siegħa, din li semmejna taqbad tifsila ħwejjeġ, ħajt, labar u ħolqa, u terħilha għall-ġnien tfittex lix-xiħ. Sabitu qiegħed fuq ħaġra ma' ħajt, quddiem ħammiela xitel, imelles il-weraq u jgħid xi ħaġa taħt leħnu. "Nharek sagħid" qaltlu. "Nharek imbarak" weġibha; imma l-lum ma baqgħetx miexja: ħadet ħaġra, ressqitha ħdejh, qagħdet fuqha, fetħet li kellha f'idha u bdiet tħit.

" Kif int il-lum, Jusef? " saqsietu wara ftit. "Axkor Alla!" wieġeb ix-xiħ.

" Jusef, għax dejjem qalbek sewda ? " reġgħet saqsietu.

" X'hawn fid-dinja li jferrħilna qalbna, binti ?" qal ix-xiħ waqt li nġibed l-ura u serraħ dahru mal-ħajt. "X'hawn fid-dinja li jfarraġna ? kollox niket u mrar ! "

"Ma jidhirlekx li għandha tferraħna t-tama li għad immorru l-ġenna ? " saqsiet mill-ġdid hija.

" Ma ngħidx li lê," wieġeb huwa, "imma mita wieħed jiftakar li għad m'aħniex hemmhekk fejn nixtiequ mmorru, il-ferħ aktarx jisfagħlu niket."

Baqgħu għal ftit siktin: ix-xiħ iħares lejn ix-xitel quddiemu u ż-żagħżugħa tħit. Wara daqs-xejn reġgħet hija: "Jusef ma għandekx qraba?"

"Kelli ħamest aħwa, imma jekk għadx baqa' xi ħadd minnhom ħaj, ma nafx, jien l-iżgħar fosthom, u billi nħossni qiegħed noqrob biex nitlaq, naħseb li huma jinsabu l-koll, bħal issa, id-dinja l-oħra!"

"Ma għandekx ulied?" reġgħet hija.

"Jista' jkun li għandi wlied ir-ruħ, imma wħied il-ġisem lê, għax qatt ma żżewwiġt."

"Għax qatt ma żżewwiġt, Jusef?" saqsiet hi bi ħrara.

"Uh, binti! int trid taf wisq ħwejjeġ! għadek tfal, nagħadrek. Naf li t-tfal dejjem iridu jafu, u jien ukoll inħobb ingħarrafhom fejn nista'. Jekk tatini kelma li ma tgħidu 'l ħadd qabel mewti ngħidlek kull ma tixtieq taf."

"Iva xejn tieħu ħsieb! ħadd ma jkun jaf tarf ta' kelma!"

"Mela isma': meta jien kont tfal, ġie f'idejja ktieb il-ħajja tal-qaddis Wiġi; qrajtu u għoġobni. Messitni wisq il-wegħda ta' xbubitu li kien għamel lil sidtna Marija meta kien għad kellu għaxar snin, ġieni f'moħħi nagħmel bħalu għal-kemm kont sentejn akbar—kelli dak iż-żmien tnax-il-sena. Għalhekk, nhar il-ħadd fil-għodu, qabel il-quddies, wegħedtha jien ukoll lil Omm Sidna li ma niżżewwiġx ħajti kollha. Meta kbirt u tlaqt minn dar niesi, kemm-il-darba kont se' nikser il-wegħda, imma l-ħsieb li nrigħex b'egħmili lil Sidtna, dejjem reġġagħni l-ura, u bqajt ma żżewwiġtx. Meta bdejt nixjieħ ħassejtni nindem li bqajt għażeb; imma issa nifraħ. Kieku żżewwiġt kont nithenna: imma l-hena bħal issa kienet tkun għaddiet, ninsab kif ninsab, f'xifer il-ħajja. Bqajt għażeb u batejt: imma t-tbatija għosfrot ukoll; il-ftit li baqa' minnha m'hux ta' min iqisu; tarġa' ruħi ma tniggiżnix fuq il-għażż, għax dak li ma għamiltx ma' wliedi, għmiltu ma' ulied l-oħrajn fl-isem t'Alla."

Ix-xiħ waqaf u ħa n-nifs. Is-soru baqgħet siekta qisha tixtarr dak li kienet semgħet. Wara ftit tal-ħin reġgħet saqsietu: "U kif wasalt hawn ġew, Jusef? Nitolbok tgħidli kollox, tagħmilli ġid bla qies, nibqa' nafulek!"

"Il-ġrajja biex ingħidha kollha daqsxejn twila, binti; ma naħsebx li għandek żmien toqgħod tismagħha," qal ix-xiħ b'ħarsa ta' mistoqsija.

"Il-lum iva, biex tridni ngħidlek; l-oħrajn ma jiġux qabel il-lejla: u xogħol wisq x'nagħmel ma għandix", wieġbet ix-xbejba b'leħħa kbira.

"Tajjeb, mela. Isma' u hekk titgħallem xi ħaġa aħjar milli fiha d-dinja, li għalkemm inti bgħid minnha, tista' tiswielek. Mela jien nista' ngħid li twelidt iltim, għax 'il missieri ma nafux—miet mita kont għadni tarbija ta' ftit xhur. Ommi mietet ukoll meta kien għad kelli ftit fuq is-sitt snin : bil-kemm niftakar fiha; li kienet iżżomli idi mita kont nimxi magħha, li kont norqod b'rasi f'ħoġorha, u xi teftufa oħra ta' din il-għamla hu kollu li niftakar fuqha. Ħuti, bħal ma għedtlek, kelli ħamsa oħra, akbar minni. Wara mewt ommi ħaditna waħda mill-qraba, li għalkemm ma' ħuti ma kinetx ħarxa żejjed, lili xejn ma kienet iġġibni. Trabbejt fil-għaks, naħdem ir-raba' sa ma lħaqt il-għoxrin sena. F'dak iż-żmien deherli li għandi nitlaq mid-dar, u għodwa waħda, bla ma għedt lil ħadd, mort inktibt għaskri Franċiż f'Damaxq. Domt għaskri tmien snin u ma' tulhom ilħaqt tgħallimt il-qari u l-kitba u l-għadd u kemm-il ħaġ'oħra. Mita dan, rajt kif għamilt u ħallejthom; ġejt hawn Ġerusalemm għax minn dejjem kienet xewqti li ngħix fl-art imqaddsa fejn bata u miet għalina Sidna. Hawn dħalt ingħallem il-għarbi u l-franċiż f'waħda minn Djar it-tagħlim tal-belt, fejn bqajt sa kemm xjieħt. Ma' tul daż-żmien, kemm-il-darba kont tħajjart niżżewweġ u hekk intaffi d-dîqa ta' qalb li kont fiha, ninsab waħdiwaħdi, imma kif għedtlek l-ewwel, il-ħsieb tal-wegħda li kont għamilt fi tfuliti reġġagħni l-ura. Il-flus li kont naqla', li jibqa' żejjed wara li kont inħallas il-ftit li neħtieġ għall-ħajja, kont natih lill-foqra jew lil l-iltima ta' xi dar hawn Ġerusalemm. Iż-żmien għadda u saħti bdiet tonqos. Fl-aħħar ġiebu wieħed ieħor għal fejn kont jien u lili qaluli li nista' nitlaq. Tlaqt b'qalbi maqsuma, għax dar fejn noqgħod ma kellix, u flus ma kelli f'kisbi għajr ftit żgħar. Tbigħedt minn Ġerusalemm, ħallejt tikber il-leħja, bdilt ħwejġi ma' wieħed bidwi u rġajt hekk mibdul biex ħadd ma jagħrafni. Inxtħett fl-art mat-tallaba, daqqa f'xi salib it-toroq u daqqa fit-taraġ tal-Knisja tal-Qjama : ma kontx nitkellem, għax kont nibża' li xi ħadd minn dawk li jafuni, jagħrafni minn leħni.... imma kont biss...." u hawn ix-xiħ infexx fi dmugħ u lfiq, li kien jidher minn qabel jitħabat biex jagħleb. Is-soru ħallietu jistrieħ u mita waqaf u mesaħ għajnejh, "istenna ftit hawn, Jusef, ħa' nġiblek xi ħaġa x'tixrob", talbitu.

Ix-xiħ ma tkellem xejn. Iż-żagħżugħa telqet il-ħjata, daħlet id-dar bħal berqa, u wara ftit reġgħet il-ġnien b'nitfa xorb. "Ħa' Jusef", qaltlu, "tħossok aħjar b'dil-qatra ! " Ix-xiħ xorobha; iżżiha ħajr; "Konna wsalna" tarrfitlu, "meta qagħadt mal-foqra f'taraġ il-Qjama ; u nbagħad ? "

Ix-xiħ ħa n-nifs u beda: "Għedtlek li ma kontx insamma' leħni, bil-biża' li xi ħadd li jafni jintebaħ min kont; imma kont biss immidd îdi għar-raħma ta' min igħaddi: għalhekk in-nies qajla x'kienet tħares lejja u tatini xi ħaġa. Kemm-il-darba kien igħaddi n-nhar u jasal il-lejl bla ma nkun trejjaqt. Jien in-nifsi kont nistagħġeb kif ruħi tibqa' f'ġismi. Fil-għaxija kont ninġabar f'xi waħda mit-toroq l-imsaqqfa, noqgħod kobba mal-ħajt, b'rasi fuq irkubtejja nogħnos sa ma jgħaddi l-lejl. La jasal is-sebħ, jarġa' jibda mill-ġdid kollox bħan-nhar ta' qabel. Domt f'dil-ħajja ma' dwar tliet snin: aktar ma kont inħossni niħtieġ il-mewt, aktar kienet tidher titbiegħed minni.

"Darba waħda f'jum minn Xbat ħassejtni ħażin għal l-aħħar. Kien bard li jqaxxar, u jien, liebes ċraret kif kont, bla ikel u bla dar, ma kontx nista' nilqagħlu. Fil-għaxija tgħaxxixt bħal dari, kobba mal-ħajt. Niftakar li ma' tul il-lejl ħassni ħażin: ridt inqum fuq saqajja u ma stajtx; waqajt waranijiet, u ma ħassejt xejn iżjed. Meta stenbaħt kien sebaħ beraħ, ġemgħa nies kienet imdawra miegħi, u fosthom wieħed ħdejn rasi b'naqra ta' kus f'idu, ibill'li xufftejja bidduwa li kien fih. Dar-raġel kif rani ġejt fija qabbad tnejn min-nies jerfgħuni u jeħduni għandu, fejn biddilli ħwejġi u dar bija bil-ħniena. X'ħin rani għaddejt għal l-aħjar, saqsieni min kont, li għal l-ewwel ridt nara kif naħbilu, l-aktar għax hu u jitkellem deherli li għaraft min kien: wieħed iltim li kont ingħin fi ċkunitu. Fl-aħħar, għax baqa' jrossni, kelli naqa' u nistqarrlu ismi... huwa nfexx jibki u jlumni għax qatt ma fittixt ingħarrfu bil-faqar tiegħi, jara f'hiex kont wasalt. Inbagħad għamilli l-qalb u ħajjarni ninsa l-imgħoddi għax mn'issa 'l quddiem jeħodni f'daru, Bejrut, u jkolli nibqa' miegħu. Jien iżżejtu ħajr u għarraftu fehemti: li aħjar idaħħalni f'dar tax-xjuħ. Hu wegħedni li jagħmel hekk biex ma jiksirlix qalbi, u wara xi jumejn ġibuni hawn, fejn għal ħniena t'Alla u tagħkom ninsab ħieni biż-żejjed."

Dal-waqt ix-xebba kienet telqet il-ħjata u dehret bħal mistagħġba. Baqgħet siekta għal ftit u nbagħad: "Min kien dak ir-raġel li għenek u daħħlek hawn?" saqsietu b'regħba.

"Trid taf din ukoll?" saqsa x-xiħ imbissem. "Ismagħha: meta kont ingħallem kien jiġi fost l-oħrajn wieħed sabi ta' ma' dwar għaxar snin, liebes fqir: kien ġwejjed fi mġiebtu, aktarx dejjem ħosbien. Darba waqt it-tagħlim intbaħt li kien jibki. Waqt il-logħob saqsejtu jekk jistâx igħidli x'kien ġralu. Qalli li ommu kienat ilha marida kemm-il ġimgħa u li ma għandhiex flus biex iġġib it-tabib. Missieru kien

miet l-Amerka sentejn qabel. Għarrafni wkoll li dak ix-xahar kien l-aħħar li huwa jiġi jitgħallem, għax 'il quddiem jeħtieġlu jmur idabbar xi ħaġa biex jista' jgħajjex 'l ommu; u ħwejjeġ bħal dawn, li lili, billi kont naf xinhi tbatija, qasmuli qalbi. Wegħedtu li għandi ngħinhom kif nista'. Dak inhar bagħattilhom tabib. Imma jidher li kien imwaħħar wisq, għax sirt naf li l-imsejkna mara mietet wara tlitt ijiem.

"Lil l-iltim, billi ma kellux niesu, daħħaltu f'dar fejn kont naf li xejn ma jkun jonqsu. Wegħedtu li nibqa' nħallaslu kollox jien—ikel, ilbies u tagħlim—minn buti sa kemm jibqa' iġib ruħu tajjeb. Tani kelma li jagħmel kemm jista' biex jimxi sewwa, u xejn ma naqas minnha, għax kull l-ewwel tax-xahar, mita kont immur inħallaslu, kont insaqsi għalih, u dejjem kelli tweġibiet tajba. Meta nbagħad kiber..." u hawn qata' kliemu għax is-soru, b'wiċċha bejn idejha, stemgħet tolfoq.

"Xi ġralek binti?" saqsieha x-xiħ, "għax qiegħda tibki?"

"Biss, Jusef!" weġbitu, "biż-żejjed: il-bqija nafu!"...

"Tafu? mnejn tafu?" raġa' x-xiħ imgħaġġeb.

"Qalli kollox missieri... kien dejjem isemmik u jħobb jitħaddet fuqek."

"U dan missierek fejn jafni?" saqsa mibluh ix-xiħ.

"Iż-żagħżugħa ħadet f'idejja torja l-id niexfa u mkemmxa tax-xiħ, tbusha fost id-dmugħ, u: "Dak il-ltim li int għint fi ċkunitu, dak missieri.... kif rajtek l-ewwel darba qalbi ħebritni b'xi ħaġa... għalhekk ridt naf min int. U jien għalhekk sirt soru, biex nagħmel bħal ma għamilt int... ingħix għall-ġid ta' l-oħrajn għal l-imħabba t'Alla.

Ġerusalemm.

G. B.

## IT-"*TEACHER*"

**Nifirħu bit-*Teacher* li raġa' qajjem rasu u l-iktar il-għaliex fost il-kitba sabiħa u għaqlija li deħret, ħemm dik l-oħra—fuq il-kitba tal-Malti —xogħol ta' tliet ħbieb tagħna tal-qalb—u xi ħaġa iktar minn ħbieb, għax tnejn minnhom huma ta' ġewwa ġmielhom, u t-tielet, l-anqas ma nistgħu ngħidu li mhux magħqud mal-fehmiet u ħrariet tal-"*Għaqda.*" Nifirħu għalhekk lit-*Teacher* tal-ksiba sabiħa li għamel u nixtiqulu r-risq !**

# L-HINN MIN-NATURA HEMM ALLA!

Qaluli—u dawk li qalu
kellhom għelma ta' ġieħ,
isimhom kien imfaħħar,
għerfhom minsuġ sabiħ—

Qaluli: "Alla ħolma
li daħlet f'moħħ in-nies
meta kien' għadhom ġodda
minngħajr għaqal u qjies:

"Il-Biża' sawwarulhom
bħal Sultan tal-ħolqien,
is-Sid tal-Mewt u l-Ħajja,
seteghtu kullimkien."

Għafsitli qalbi l-bxara,
għax jien dejjem emmint
li Alla qabel kollox;
u dan il-ħsieb kont ħżint

ħaj ġewwa qalbi: mħabbti
lil da' l-Missier kont tajt
u lejh bit-tama f'sidri
dejjem għajnejja rfajt.

Stħajjilt bħal min jagħdirni
u jidħak minnufih;
għalhekk ħassejtni mnikket
bħal min jiltem bis-sħiħ.

Iżda ma rtmejtx. Ta' qalbi
il-ħila kollha ġbart,
u biex insib is-sewwa
ta' ħsiebi r-rqiq dawwart.

Staqsejt lis-sema: Għidli,
in-nisel tiegħek mn'ejn?
u s-sema dlonk weġibni:
"Ħalaqni Alla mix-xejn."

U ħadni sat-truf tiegħu,
lil-hinn mid-dawl tax-xmux,
lil-hinn mid-dija bajda
ta' kwiekeb ma jidhrux,

fejn sibna ħajt taż-żonqor
fuq sies taż-żnied imtalla',
u fuqu din il-kitba:
"Lil-hinn mill-ħajt hemm Alla."

Fraħt, u mal-ferħa t-Tama
tbissmet bħal ward f'April;
u rġajt bi ħsiebi l-ura
minn dak il-mixi twil.

Staqsejt lid-dinja: Għidli,
ġrajjietek kif inbdew?
Weġbitni: "L-ġrajja kollha
li minn fuqi għaddew

bi ħżuż li ma jitħassru
ġo sidri miktubin:
min jaf jaqrahom jifhem
kif bdew u kif ġejjin.

U tarġa tarġa nżilna
mar-rdum taż-żmenijiet,
u ma ngħoddhomx tul ħajjti
kemm rajna egħġubijiet:

Sibna miktuba l-ħajja
tal-bniedem ġe' l-għerien,
u ta' snajjietu l-għodod
imxerrda kullimkien,

nies illi għexu u mietu
qabel ma nbnew l-ibliet
f'taqbida ħarxa u twila
ma' bhejjem bil-mijiet:

Bhejjem ta' qjies li jaħsdek,
suritħom barranin,
li għadhom bil-waħx magħwara
l-eluf tas-snin. (hom

Rajna s-sensiela kollha
tal-Ħajja tul it-triq,
mill-mastodont imġissem
sad-dud l-iżjed irqiq,

iżda fuq l-aħħar ħolqa,
fejn ħsiebi l-mixi ħalla,
kien hemm minquxa l-kitba:
"S'hawnhekk: lil-hinn hemm
Alla."

Quddiem ix-xhieda kbira
ħassejtni bħal mibluħ
u l-ferħ li niżel f'qalbi
ġiebli f'għajnejja d-dmugħ.

Inbagħ'd meta rġajt l-ura
bil-ħarsa ta' rebbieħ,
u rajt il-ġonna jwarrdu,
l-oqsma biż-żara' sbieħ,

u l-ġnus tad-dinja kollha
fil-knejjes miftuħin
itennu, jtennu l-għanja
li nbdiet ma' l-ewwel snin,

twettqet ġe' sidri l-Emna
li dejjem kont għożżejt,
u t-talba ta' tfuliti,
bħal tifel żgħir tennejt:

u lill-Għorrief għidtilhom :
"Għerf wieħed qatt ma falla:
intom għidtuli gidba ;
L-hinn min-natura hemm
Alla ! "

**Dun Karm**

# IL-FLUS TAL-ĦARES

Sidor kien jagħmilha tajjeb, kellu raba' u bhejjem u xi djar, u dak li kellu kien jirqmu u jżidu. Dnub li kien ilħiħ, għajnejh dejjem jibru biex iżid mielu u biex jaqbad tarf ġdid biex ikattar ġidu. Dejjem fis-sewwa, smajtx, qatt ma għallet lil ħadd, iżda għajnejh kienu akbar minn żaqqu.

Nhar ta' Ħadd, minsub fuq it-tarag taz-zuntier mal-bdiewa l-oħra kien jixrob kull ma jisma' biex fejn jaqbillu l-aktar iqabbel. Kullħadd kien iħobb jitkellem ma' Sidor għax jaf x'igħid u dejjem imhejji biex imexxi flusu b'xi fejda; għax kien igħid : "xogħol ta' bla fied aħjar il-qgħad minnu."

Feġġ darba fuq iz-zuntier Ġanni ta' Feliċ li kien għamel żmien Bona. Ferħu bih għax kien ilu nieqes mir-raħal. F'qasir żmien indeħes ma' Sidor u billi Bona kien tgħallem jagħmel kollox bil-ħjiena, ħaseb dlonk li jonsoblu għal xi kemxa flus. Għarrex minn hawn u bixkel minn hinn hejja n-nasba, u għodwa waħda resaq fuq Sidor, twarrab miegħu u qallu : —Sidor qabbilli kejla raba' minn dik il-wilġa li għandek fuq il-wied.

— Dar-raba' x'tanbih? — qal Sidor — U jien raba' ma nqabbilx.

— Sidor, int raġel u jien ieħor, jekk twellili nitfa raba' li jidhirli jien natik ħames mitt skud.

— Hux ! — qal Sidor, jekk tatini ħames mitt skud, int x'beħsibek taqla'?

— Darbtejn, tlieta iżjed.

— Tridx tkellimni sewwa, Gann, jekk għandek xi bajda ħoxna bida.

—Mela la trid taf, Sidor, il-ħares ħallimni li f'għalqa minn tiegħek tinsab moħbija ħażna flus u jien naf sewwa fejn, għax il-ħares għarrafni sewwa. Tridx immorru bi sħab ?

— Jaħasra għalik, qiegħed timla moħħok bil-bebbux.

— Dana x'telf għandek Sidor ? Niftiehmu x'imissna kull wieħed. Jekk hemm naqsmu, jekk ma hemm is-sliema jalla. Din lil Sidor għoġbitu imma l-leħħa għelbet. — Għamel li hu hekk,—qal—il-qsim ma jsirx bin-nofs għax il-flus qegħdin fil-għalqa tiegħi.

-- Hekk hu, imma jien biss naf fejnhom. Jien ma jiniex irgħib, Sidor, nagħmlu hekk. Jien nieħdok fuq il-ħażna, jekk il-ħażna ċkejkna naqsmu bin-nofs, jekk il-qabda tkun kbira atini tliet mitt skud u minn dak li ssib agħtini mill-għaxra waħda. Jiniex nitkellem ta' raġel?

Sidor rasu bdiet tisħon. — Narġgħu niltaqgħu — qallu. Infirdu, imma din tal-moħba tatu ġewwa mal-lejl lil Sidor, għax Ganni kien tkellem ta' raġel. Malli sebaħ, il-għada, mar ifittxu. —Taf xi ħsibt u rajt—qallu—jekk turini l-ħażna ndoqqlok tliet mitt skud u minn dak li nsib ħalli f'idejja x'natik, tgemgem ma nħallikx, taħseb xejn. Marret ?

—Marret—qallu Ganni, bħal qalbu sewda—Inħalli f'idejk int raġel tar-ruħ u jien tifel fqir. Mita trid għaddi għalija id-dar u nieħdok ; ġib biċċtejn għodda miegħek.

Kienet il-Ġimgħa u ftit qabel għab in-nhar, it-tnejn waqfu f'nofs għalqa, u wieħed bil-fies u l-ieħor biz-zappuna bdew iħaffru qajla qajla. Taħt xibrejn ħamrija l-fies ħabat fuq l-iebes.

— Hawn hu! — qal Sidor — iġbed ħafif ħafif ma' dwaru. Bil-fies ħaffu t-tub ma' dwar is-senduq, għax senduq marbut bil-ħadid feġġ, u Sidor b'idejh jiġbed il fuq it-trab mejjet. Idejh bdew jirtogħdu u xaqq il-għaraq għalih.

— Ġann — qal — dalam sewwa — ngħattu kollox, għax biex taqla' dak is-senduq trid il-għodda u iż-żmien. Nhar it-Tnejn għas-sebħ inġibu li jinħtieġ u nkarkruh lejn il-girna. Ara li ma toħroġlokx xi kelma ma' xi ħadd.

Għattew u xattbu wiċċ il-għalqa u Sidor ħa lil Ġanni id-dar.

— Ġann — qallu — m'hux għax ma nafdakx, imma xtaqt dil-ħaġa noħodha kollha fuqi. Se'r natik it-tliet mitt skud li ftehemna u kif għedtlek, ħalli f'idejja għal dak li natik wara. Int ejja nhar it-Tnejn mas-sebħ u għinni naqla' s-senduq u għall-bqija ħalli fi ħsiebi.

Ġanni għamel ta' bir-ruħu ħosbien u mita Sidor ġieb mil-kaxxun il-flus u rabathomlu f'maktur taż-żejt, qallu: — Sidor ftakar li jien tifel fqir u li jien għamiltek l-aktar raġel għani tal-gżira—għadda tarf tal-maktur fuq għajnejh bħalli kieku jixxotta demgħa, u ħareġ il-barra.

Il-għada, is-Sibt, ma fittxux lil Ġanni, u nhar il-Ħadd Sidor wara l-quddies intasab ma' sħabu fuq it-taraġ taz-zuntier, bħalli kieku ma ġara xejn.

Xi ħadd saqsa għal Ġanni ta' Feliċ. Qabeż Pawlu is-Slugi: Ġanni bogħod minn hawn, il-bieraħ telaq għal Tunes mal-vapur tal-ħdax ta' bil-lejl. Sidor ħass demmu kollu tiela' f'rasu u qalbu għamlet tikk. Dan għax siefer Ġanni? is-senduq ma messux għax dak inhar mas-sebħ kien wasal sal-għalqa biex jara jekk il-ħamrija tmissitx. Bla kliem u la sliem qam u mar lejn id-dar ħosbien. Malli sebaħ il-għada, qabad iħaffer b'ħeġġa kbira u b'daqqa ta' fies farrak il-wiċċ tas-senduq. Żrar u laqx! Għamilhielu Ġanni, għalltu.

Xejn ma qal lil ħadd u ħadd ma basar billi kien ġara, imma Sidor ma baqâx li kien. Għal bosta ħdud ma deherx fuq iz-zuntier, issa qal li rama għal San Pawl, issa li niżel sal-Belt għax naqsitu xi ħaġa.

Ġanni qatt ma kiteb minn Tunes, imma Sidor mita kien jisma' b'ismu kien iħoss wiċċu jixgħel u jħares band'oħra.

Għaddielu biż-żmien, iżda mita wieħed kien jersaq lejh biex jaqbad xi tarf ta' negozju ma kienx igħaġġel jaqbdu fil-kelma għax bħall-kelb il-mismut, kull ilma kien jaħsbu misħun.

T. Z.

# ALLA! ALLA!

Lil LEWIS F. MIZZI, LL.D.,C.M.G.

Lejla ta' Mejju ta' fwieħa u għaxqa
fuq ġonna għonja b'weraq u ward,
b'das-sema tiegħek ikħal sewdieni
b'xita ta' kwiekeb jiddu fuq l-art,

kif issaħħarni. Għajn minn tal-hena
din il-qalb tiegħi bik tarġa' ssir:
tnaqqasli żmieni b'ħolm ta' l-imħabba
li magħhom ħsiebi dlonk hieni jtir.

Iżda quddiemek, ja lejla, waħdi
f'sikta miksura biss mit-tektik
ta' demmi f'qalbi, ta' ħsiebi f'moħħi
kemm ħwejjeġ għandi jien x'nistaqsik!

'Imnejn dil-fwieħa? dal-kwiekeb? jiena?
għalfejn dan kollu? minn liema jiem?
sakemm hekk jibqgħu dal-ħwejjeġ kollha?
x'kien li waqqafhom? x'se' jkun it-tmiem?

Igħaddu minn moħħi l-għorrief kittieba
li fuqhom ħilti żagħżugħ għaddejt
biex xefaq wieħed nikxef tad-dalma
li taħbi kollox... u xejn ma swejt...

Iżda quddiemi dal-lejl ta' Mejju,
għaliex nistħajjel li għandi ktieb
miftuħ għal kollox biex kollox nifhem
minngħajr tbatija ta' ħidma u ħsieb?

Nifhem u għax nifhem fit-trab ninxeħet
ġismi jitriegħed, qima natik.
Ħallieq ta' kollox, tgħarrafni kollox,
Sidi Mulejja, l-għerf ġewwa fik.

C. M. B.

# TQASSIR
# GħALL-KITBA MALTIJA

B'tifkira tal-Kav. Gużê Muscat-Azzopardi.

*Nibdew inġibu bil-qalb kollha dan ix-xogħol sabiħ tal-ħabib tagħna s-sur Fredu Nicholas, M.S.D.S. tal-Kajr. Dan ix-xogħol juri kif wieħed, billi jqassar u jħalli barra xi ittri, jista' jikteb bil-malti f'qasir żmien u hekk, jekk mhux ilaħħaq għal kollox ma' min ikun jitkellem, ikun, għal l-anqas, jista' jżomm il-bċejjeċ meħtieġa ta' dak li jkun intqal. Biex id-diskorsijiet jiġu meħudin kollha hemm l-Istenografija u din nafu li ġa ġiet imressqa u msewwija għall-malti fi tliet sistemi : Pitman, Sloan u Greig. B'dana kollu dan it-*Tqassir *tas-sur Nicholas jista' jiswa ħafna għal min ikun irid jieħu noti ta' xi diskors.*

Dan ix-xogħol hu mwaqqaf fuq l-ortografija tal-*Għaqda*. Jimxi fuq dawn ir-reguli ewlenin :

1. Li jitneħħew l-ittri li ma jinħassux.
2. Li titneħħa, waħda minn ittri doppji.
3. Li jitneħħew id-daxxijiet u l-apostrofi.
4. Li jitneħħew il-vokali ħfief.
5. Li tingħażel ittra waħda biex toqgħod flok kliem jew biċċiet ta' kliem.
6. Li jingħaqdu xi kliem.
7. Li jinqata' kliem twil fuq l-ewwel jew it-tieni sillaba.

## L-EWWEL TAQSIMA

### ALFABET

*KONSONANTI.*

b, ċ, d, f, ġ (ġandar) g (gendus) ħ, j, k (kieku)
l, m, n, p, q (qòrq) r, s, t, v, w, x, z.

a) Il-"h" fejn tidħol fl-ortografija iżda *ma tinsamâx fil-leħen* ma teħtieġx li tinkiteb.

b) Il-Għ (għajn) hija wkoll imneħħija minn dan l-Alfabêt, f'lokha nistgħu ninqdew bil-vokali bl-aċċent twil.

| | Ortografija | Tqassir | Ittri mneħħijin |
|---|---|---|---|
| Eżempju : | daħru | daru | da(h)ru |
| | tebgħa | tèba | teb(għ)a |
| | għax | ax | (għ)ax |
| | għandhom | andom | (għ)and(h)om |
| | huwa | uwa | (h)uwa |
| | fiha | fia | fi(h)a |
| | tagħhom | tahhom | ta(għ)hom |
| | hawnhekk | awnekk | (h)awn(h)ekk |
| | hi hu | i u | (h)i (h)u |

Dak ir-raġel għandu għonqu jgħuġu ħafna u deher
**Dak ir-ragel andu onqu jugu hafna u der**
imgħaġġel biex imur għand it-tabib għalbiex jagħmel il-kura.
**imaggel biex imur and it-tabib albiex jamel il kura.**

N.B. — Minn din l-ewwel abbrevjazioni għandna nsibu li minn sittâx-il kelma magħmulin minn disgħa u tmenin ittra diġa qassarna sittâx-il ittra.

ċ) Meta kelma tkun *tispiċċa* b'ittra doppja, ittra minnhom tista' titneħħa.

Eżempju : kemm, hemm, sinn, martell, feġġ, raġġ, ħenn.
**kem, hem, sin, martel, feg, rag, hen**

Dan il-prinċipju jista' jittawwal ukoll għal l-ittri doppji F'NOFS *xi* kliem meta s-sens tal-frażi jkun juri sewwa xinhi l-kelma.

Eżemju : tawwal, birra, qassar, gerrem, ġebbed, doppja,
**tawal, bira, qasar, gerem, gebed, dopja,**
magħha, sigarrett, pinnur, marru, kellem, kaxxa, taxxa.
**maha, sigaret, pinur, maru, kelem, kaxa, taxa.**

d) Kelma maqsuma bid-daxx (jew bl-apostrofu) tingħaqad u dawn jitneħħew.

Eżempju : l-ittra, ir-raġel, it-tifel, l-aqwa, l-erbgħa,
**litra, iragel, itifel, laqwa, lerba,**
iċ-ċinturin, ix-xemx, l-art.
**icinturin, ixemx, lart.**

e) It-tikka ta' fuq l-i, l-j il-ġ u ż-ż kif wkoll is-sinjal ta' fuq it-t u l-ħ jistgħu jitneħħew ukoll. Il-għamla ta' l-ittra ma jeħtieġ li tkun assolutament skond ir-regula tal-Kalligrafija, hu biż-żejjed li jitniżżel minn l-ittra daqs kemm hu meħtieġ biex tingħaraf.

Sentenzi

L-ittra waslet fl-indirizz ta' l-uffiċċju iżda ma mortx
**Litra waslet flindiriz ta luficju izda ma mortx**
għaliha għax ix-xemx kienet tisreġ sewwa. Milli jidher dak
**alia ax ixemx kienet tisreg sewa. Milli jider dak**

ir-raġel għandu dahru jgħuġu l-għaliex qiegħed jimxi mgħaw-
**iragel andu daru jugu laliex qied jimxi maw-**
weġ ħafna. It-tifel għadu kif għadda l-aqwa eżami. Mhux
**eg hafna. Itifel adu kif ada laqwa ezami. Mux**
kull ma jleqq deheb. Ħobb lill-proxxmu tiegħek. Fis-Sema,
**kul ma jleq deb. Hob lil proxmu tiek FiSema,**
fl-art u l-baħar hemm ħwejjeġ li aħna għad ma nafux bihom.
**flart ul bahar hem hwejeg li ahna ad ma nafux biom.**

*VOKALI.*

â—à, ê—è, î—ì, ô—ò, û—ù

a) Il-vokali twal (â, ê, î, ô, û) għandhom dejjem jinkitbu malkelma fejn din ma jkollhiex tqassir speċjali skond dan il-metodu.

b) Il-vokali ħfief (à, è, ì, ò, ù) f'NOFS il-kelma *ma jinkitbux* iżda *għandhom* dejjem jinkitbu *fl-aħħar* tal-kelma, u *aktarx* fl-ewwel tagħha.

Paragûn bejn vokali twal (jew dittongi) u vokali ħfief

| Twal | Qosra | Kif għandha tinkiteb il-kelma b'vokali ħafifa. |
|---|---|---|
| kûl kôla | kùll kòlla | kl klla (jew kla) |
| bâta | bàtta | btta |
| mîera | mèra (jew màra) | mra |
| fâr | faràg | frg |
| ktieb | kitèb | ktb |
| ġâra | ġàra | gra (gerra: grra) |
| sôru | sòrru | srru |
| sâfi | sàffi | sfi (jew sffi) |

SENTENZI

Hawn naraw kif bosta kliem jista' jingħaqad minngħajr ma tintrafa' l-pinna; din ir-Regula narawha l-quddiem.

Meta marru l-Belt sabu lill-poplu kollu miġbur fil-bidu
**Mta mru lBelt sabu ll poplu klu mgbur fl bdu**
tat-triq il-kbira u bil-folla li kien hemm ma setgħux igħaddu
**ttriq lkbira ubl flla lknm ma stux jadu**
il-quddiem, għalhekk ħtiġilhom ibiddlu triqthom u għaddew
**lqdiem, alk htglm ibdlu triqtm wdew**
minn band'oħra. Ftit huma dawk li għaxu u li sakemm
**mn bndhra. Ftit uma dwk laxu u li skm**
mietu setgħu jiftaħru li ma jafux xinhu dulur. Tgħallem
**mietu stu jifthru lma jfux xnu dlur. Tlm**
sewwa l-vokali twal u ftakar li dawn dejjem għandhom
**swa l vkali twal u ftkr ldwn dejem andm**
jinkitbu fil-ħin li l-qosra f'nofs il-kelma ma jinkitbux.
**jnktbu flhn ll qsra fnfs il klma ma jnktbux.**

*DITTONGI.*

ja, je, ji, jo, ju, aw, ew, wa, we, wi, aj, ej, oj.

a) ja, je, ji, jo ju — Dawn tidher flokhom il-j (a, e, i, o, u mneħħija).

Eżempju: jagħmel, jaħmel, bjuda—bjada, bjar, jehda, jesu,
**jml, jhml, bjda — bjda, bjr, jda, jsu,**
jeħu, jerda', jiġi, jista', jirkeb, jitgħallem, jogħġob, jogħtor,
**jhu, jrda, jgi, jsta, jrkb, jtalm, jgob, jtor,**

N.B.—Id-dittong "ie" f'nofs il-kelma mhux meħtieġ għax il-kelma qiesu dejjem tieqaf fuq il-vokali "i", bħal: tî(e)qa, fî(e)ra, ġlî(e)da,—għalhekk kliem bħal dan jista' jinkiteb bil-vokali "i" biss, minngħajr biża' li l-kelma ma tingħarafx.

Eżempju: miera, fieq, bies, qies, ġieb, ktieb.
**mira, fiq, bis, qis, gib, ktib.**

b) aw, ew, (jew iw), wa, we, wi—tidher għalihom il-w:

Eżempju: hawn, dawn, dewmien, naraw, ħlewwa, ħawwel,
**wn, dwn, dwmin, nrw, hlwa, hwel,**
stennew, rħew, tlewmu, dawk, dawra, wara, waħdu, fwawar,
**stnw, rhw, tlwmu, dwk, dwra, wra, whdu, fwwr,**
x'waħda-din, Pwales, kważi, wegħda, wettaq, weħel, webbel,
**xwhddn, Pwles, kwzi, wda, wtaq, whl, wbl,**
werwer, wella qawwi, wasal, wassal, waħħal, dawwal, fewweġ.
**wrwr, wlla, qwi, wsl, wssl, whhl, dwwl, fwwg.**

Dan id-dittong (w) jista' jservi biex bosta drabi juri aktar minn leħen wieħed fl-istess kelma.

Eżempju: gw = ġew, ġewwa, gawwi
qw = qawwa, qawwi
dwl = dwal, dawl
zwg = żwieġ, żewġ
lwn = lewn, l-hawn, lwien
tw = tiwa
lw = liwa
hlw = ħlewa, ħallew, ħelwa, ħlew.

N.B.—Meta wieħed jidhirlu li kelma b'w waħda biss tista' tinbidel, bħal: *żewweġ-żwieġ, sewwa-sèwa ħlewwa-ħelwa*, jista' jikteb iż-żewġ "ww" li allura juru qasma fiż-żewġt ilħna:—

**zwwg** (żewweġ), **sww** (sewwa), **hlww** (ħlewwa).

ċ) aj, ej, oj jidhru għalihom à, è, ò.

Eżempju: għajma, ejja, dejjem, għalfejn, tajra, ġejja, ġej,
**àma, èj, dèjm, alfèn, tàra, gèja, gè,**
ġrajja, faraboj, fejnu, bajjad, kejla, bojja.
**gràj, frbò, fènu, bàjd, kèla, bòj.**

d) Kull vokali u kull dittong jistgħu jingħaqdu:
bajja, smajjar, għajjura, ħajja, qawwija, qawwijin, sejjaħ.
**bàj, smàjr, àjra, hàj, qwwj, qwjn, sèjh.**

SENTENZI.

L-ilma ġej ġewwa l-ġiebja mill-gandott tal-għolja.
**Llma gè gw lgbj ml gndt tl olj.**
It-tiġrija tad-dgħajjes din is-sena kif igħidu sejra tkun aqwa
**Itgrj tdàjs dssna kf jidu sèra tkn aqw**
minn taż-żwiemel. Kull fil-għaxija għall-ħabta ta' l-Avemarija
**mn tzwml. Kl flaxij al hbta tlAvmrij**
it-tram ikun mimli bin-nies sejrin qattanija lejn darhom.
**itrm ikun mmli bnis sèrin qtnij lèn darom.**
Iz-ziju xtara leġiju lill-ħija Piju 'ma dan qal li ma għoġbux.
**Izij xtra lgij ll hij Pij mdan qäl lmgbux.**

*LEĦNIJIET MINN L-IMNIEĦER.*

an, en, in, on, un.

a) Meta kelma jkollha vokali quddiem l-n, bħal: tinda, thenna, onfoq, ġenna, gundalla, inbiegħ, tkanta, eċċ. għal dawn l-ilħna (bħal fuq) tidher l-n, u titneħħa l-vokali:

Eżempju: għandu, onfoq, għonqu, inġorr, stenda, dentista,
**ndu, nfq, nqu, ngr, stnda, dntsta,**
Ġenna, tħenn, ġonġol, konna, manna, antik, ġentlom, kuntent.
**Gna, thn, gngl, kna, mna, ntik, gntlom, kntnt.**

b) Quddiem il-konsonanti p, b u f, l-n tidher ukoll għal l-ilħna am, em, om, um. Eżempju:

imfarfar, Imperu, imbit, lampa, lembut, tombla, bomblu.
**nfrfr, Nperu, nbit, lnpa, lnbut, tnbla, bnblu.**

ċ) Għall-kliem bħal dan, iżda, hemm alternativa oħra: f'lôk din ir-Regula tal-N, tista' tiġi mneħħija l-vokali u tinkiteb l-m, iżda l-ewwel Regula hija iqsar.

Eżempju: **mfrfar, Mperu, mbit, lmpa, lmbut, tmbla, bmblu.**

SENTENZI.

Min ma jemminx f'Alla ma jkunx jemmen fil-bniedem
**Min ma jmnx fAla màknx jmn fl bnidm**
li hu ħolqien Tiegħu u min ma jemminx fil-bniedem ma
**lu hlqin Tiu uminma jmnx fl bnidm ma**
jistâx jemmen fih in-nifsu. Ma għandek qatt taħqar jew
**jstax jmn fih nfsu. Mndk qt thqar jw**
tinki lil l-annimali għax dawn ma għandhomx il-ħila jfissru
**tnki ll nimali ax dwn mndmx lhila ifsru**
id-dulur tagħhom. L-anqas għandek qatt tiġġudika fuq
**idlur thm. Lnqs ndk qt tgudka fq**
l-apparenzi biex ma tingannax lilek in-nifsek.
**lprnzi bix ma tngnax llk nfsk.**

*(Jissokta)* **Fredu Nicholas.**

# MISTOQSIJIET U TWEĠIBIET

*G. S. G.* (TARXÍEN) Fil-Malti ma għandniex sura ta' verb li twieġeb għat-Taljan *avere* u għal l-Ingliż *To have.* Il-verb *avere* u *to have*, fil-Malti, jitfisser bħal fl-ilsna Semitiċi bil-partiċelli *għand, bi* għall-present, u bil-partiċella *lil* (*l*)—magħquda mal-verb *kien*—għall-passât, meħmużin fit-tarf tal-kelma mal-pronomi mnisslin. Għalhekk biex infissru l-present ingħidu u niktbu: *Jiena għandi ktieb, bini l-għatx* — u biex infissru l-passât ingħidu u niktbu: *Jiena kelli ktieb*, fejn il-kelma *kelli* mhix ħaġa oħra ħlief *kien, li* magħqudin f'*kelli.*

Bejn il-Għarbi letterarju u l-Malti hemm x'jaqbel u hemm x'ma jaqbilx.

Nieħdu l-Present tal-Għarbi letterarju. Dan jitfisser bil-partiċelli *għinda, magħ, la, bi*, bil-pronomi mnisslin meħmużin magħhom. Kull waħda minn dawn il-partiċelli qiegħda biex tfisser fejn ta' min hi u xinhi l-ħaġa li tinsab *għand* dak li jkun. Il-Malti iktarx ifisser dan kollu bil-partiċella *għand* u f'xi qwiel bil-partiċella *bi.* Imma qatt bit-tnejn l-oħra: *magħ* u *la.* Għalhekk fejn il-Għarbi letterarju jgħid: *Magħha darâhimu*, il-Malti jgħid: *Hi għandha l-flus;* u fejn tarġa' l-Għarbi jgħid: *Lahu abnun*, il-Malti jgħid: *Hu għandu iben.*

Imma nbagħad fejn il-Għarbi jgħid: *Bihim humûmun* (hanno delle preoccupazioni) il-Malti jgħid ukoll: (Huma) *bihom!* (bil-buri).

Il-*Passât* il-Għarbi letterarju jfissru bil-partiċelli *għinda, magħ, li, bi* mehmużin mal-pronomi mnisslin u qbilhom il-verb *kien* Eż: *kan(a) għindi, kan(a) magħi; kan(a) li.*

Il-Malti il-passat ifissru biss b'waħda minn dawna: bil-partiċella *lil* (*l*) u bil-verb *kien* qbilha: Eż: *Kien-li, kien-lek kien-lu*, imqassrin f'*kelli, kellek, kellu* eċċ.

**A. C.**

Hlas 1/6 fis-sena. Ktieb wiehed -/6

Kull xorta ta' kitba, hlas, jew hwejjeġ ohra li ghandhom x'jaqsmu mal-MALTI, jinbaghtu lil F. S. Caruana, 19, Strada Reale — Valletta.

Stampât fl-Empire Press